**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2025/0240(COD)**

5.3.2026

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat tal-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509
(COM(2025)0565 – C10-0179/2025 – 2025/0240(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sérgio Humberto

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 – punt a – punt va (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(va) l-istrumenti tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), u jiġi żgurat li l-akkomunament tal-fondi ma jikkompromettix il-viżibbiltà u l-missjoni speċifika, u jiġi stabbilit li f'kull pjan ta' sħubija nazzjonali u reġjonali jkun hemm inkluż kapitolu soċjali speċifiku u identifikabbli, b'regoli ta' implimentazzjoni li jissalvagwardjaw l-investimenti fil-kapital uman, fl-edukazzjoni u fl-inklużjoni soċjali bħala pilastri fundamentali tal-koeżjoni.*** |

Or. pt

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) li jippromwovi impjiegi sostenibbli u ta' kwalità billi tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni u jiġi sostnut l-adattament tal-forza tax-xogħol għat-tranżizzjonijiet diġitali, klimatika u industrijali, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom.*** |

Or. pt

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) li jippromwovi integrazzjoni dejjiema taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol billi jitnaqqas in-numru ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u tiġi aġevolata t-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-impjieg, anki permezz ta' internships u apprendistati ta' kwalità u programmi ta' kwalifikazzjoni li jkunu allinjati mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol.*** |
| | Or. pt |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli, il-parteċipazzjoni effettiva, strutturata u f'waqtha tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif xieraq, fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-pjanijiet.*** |
| | Or. pt |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Fl-implimentazzjoni tal-Fond, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli fil-qasam tal-impjiegi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol*** |

***u tal-opportunitajiet indaqs. Il-Fond għandu jiġi implimentat b'mod li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-prinċipji 1, 4, 5, 8 u 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bi qbil mal-qafas ta' prestazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe miżura korrettiva adottata mill-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità, taċ-ċertezza tad-dritt u tal-protezzjoni tal-benefiċjarji aħħarin.***

Or. pt

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-pjanijiet għandhom jinkludu strateġija nazzjonali jew reġjonali ta' żvilupp tal-ħiliet, li fiha jkun hemm miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u għat-titjib tal-kwalifiki bi qbil mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għas-setturi fi tranżizzjoni, kif ukoll ir-riżultati mistennija ta' dawn il-miżuri.*** |

Or. pt

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Fl-ambitu tal-miżuri relatati mal-migrazzjoni u mal-affarijiet interni, l-Istati Membri għandhom jadottaw, jekk xieraq u skont il-kompetenzi nazzjonali tagħhom, attivitajiet biex tiġi promossa l-integrazzjoni rapida u sostenibbli fis-suq tax-xogħol taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi regolarment residenti, b'mod partikolari permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki,*** |

***tat-taħriġ lingwistiku u tal-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs, b'hekk isir kontribut għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.***

Or. pt

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-iżgurar li fil-pjanijiet SNR tar-reġjuni ultraperiferiċi jkunu previsti kapitoli reġjonali awtonomi, b'fondi preallokati ġestiti direttament u billi tiġi evitata r-rinazzjonalizzazzjoni tad-deċiżjonijiet f'dawn it-territorji.*** |

Or. pt

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-qafas ta' prestazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] għandu jinkludi, bħala rekwiżit minimu, indikaturi li jistgħu jitkejlu dwar:*** |
| | ***(a) ir-rata ta' impjieg tal-popolazzjoni ta' età bejn l-20 u l-64 sena;*** |
| | ***(b) il-proporzjon ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs);*** |
| | ***(c) il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali;*** |
| | ***(d) ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti f'attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja.*** |

Or. pt

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 71 – paragrafu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***12a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Fond jiġi implimentat b'mod li jaġevola l-aċċess għall-finanzjamenti min-naħa tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari billi l-proċeduri jsiru aktar sempliċi, jingħataw appoġġ tekniku adegwat u strumenti finanzjarji proporzjonati, kif ukoll billi jiġu promossi l-imprenditorjalità, il-ħolqien tal-impjiegi sostenibbli fil-livell lokali u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*** |

Or. pt

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkluda ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj)